MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 2904/1997/1

***Maltacom p.l.c.***

***Versus***

**Alfred Sultana**

F’din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob ħlas għas-servizz tat-*telephone* mogħti lill-konvenut.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attriċi, fuq talba tal-konvenut, kienet qiegħdet is-servizz tat-*telephone* bin-numru 374394 fil-fond *Block* 5, *Door* C, *flat* 3, Misraħ Lewża, San Ġiljan, u l-konvenut kien intrabat illi jħallas it-tariffi fis-seħħ minn żmien għal żmien. Illum il-konvenut għandu jagħti elf, seba’ mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm1,785.26) għall-kera u l-użu ta’ l-apparat u taxxa fuq il-valur miżjud. Billi għalxejn sejħet lill-konvenut biex iħallas, l-attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti tikkundanna lill-konvenut iħallasha elf, seba’ mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm1,785.26) flimkien ma’ l-imgħax u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ l-ittra uffiċjali tat-13 ta’ Ġunju 1997.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

1. huwa persuna bi problemi mentali u ma huwiex kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu;
2. minħabba f'hekk ċerta Carmen Grima, li kienet toqgħod fil-fond fejn tqiegħed is-servizz tat-*telephone*, kienet inqdiet bih u ġegħlitu jiffirma minflokha l-ftehim ma' l-attriċi, u għalhekk il-ftehim ma jiswiex għax milqut b'vizzju tal-kunsens;
3. għandha tissejjaħ fil-kawża Carmen Grima; u
4. il-konvenut fetaħ kawża biex iħassar il-ftehim, u għalhekk din il-kawża għandha tieqaf u tistenna sakemm tinqata' l-kawża mibdija mill-konvenut.

Il-konvenut fil-fatt fetaħ kawża fl-ismijiet **Alfred Sultana *versus* Maltacom p.l.c.** (ċitazzjoni numru 166/1999) li fiha talab illi l-qorti tħassar il-kuntratt li hu għamel ma' l-attriċi. Din it-talba tal-konvenut iżda kienet miċħuda b'sentenza mogħtija fit-8 ta' Frar 2005. Billi l-qorti, f'dik is-sentenza, kienet sabet illi l-konvenut kellu l-kapaċità li jagħmel il-kuntratt li għamel ma' l-attriċi, l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tiegħu huma miċħuda.

Lanqas ma tista' tintlaqa' t-talba, magħmula fit-tielet eċċezzjoni, biex tissejjaħ fil-kawża Carmen Grima. Il-kawża tallum hija magħmula fuq il-premessa illi sar ftehim dwar is-servizz tat-*telephone*. Dan il-ftehim ma sarx ma' Carmen Grima, u din għalhekk ma hijiex persuna leġittima biex tikkontesta t-talba ta' l-attriċi.

It-tielet eċċezzjoni hija għalhekk miċħuda, bla ħsara għal kull rimedju illi l-konvenut jista' jkollu kontra Carmen Grima.

Għal dawn ir-raġunijiet, u billi l-kreditu ta' l-attriċi huwa provat bid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rappreżentant tagħha u ma ġiex kontestat ħlief bl-eċċezzjonijiet li ġew miċħuda, it-talba ta' l-attriċi għandha tintlaqa'.

Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf, seba' mija u ħamsa u tmenin lira u sitta u għoxrin ċenteżmu (Lm1,785.26) flimkien ma' l-imgħax u l-ispejjeż mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------